**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Walid Abubaker Tawerghi sive Amortejar Walid Abubaker Tawerghi**

**Illum 9 ta’ Awwissu 2016**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Walid Abubaker Tawerghi sive Amortejar Walid Abubaker Tawerghi ta’ wiehed u tletin (31) sena, iben Abubaker u Negija xebba Halifa, imwieled Tripli fil-11 ta’ Novembru 1984, residenti Yacht Marina Flats, Blokk 6, Flat 7, Telghet Gwardamangia, Msida, u detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 900141(A), talli:

Nhar is-6 ta’ Awwissu 2016 ghall-habta ta’ bejn is-6:00p.m. u s-7:00p.m. gewwa Birkirkara:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Naser Milad Atia f’periklu car, ikkaguna lill-istess Naser Milad Atia hsara fil-gisem jew fis-sahha meta hebb ghalih b’oggett li jaqta’ jew iniggez, liema hsara hija ta’ natura gravi;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fejn l-ammont ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta’ Naser Milad Atia;

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb kontra Naser Milad Atia sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

U wkoll talli nhar is-7 ta' Awwissu 2016 ghall-habta ta' bejn it-8:00p.m. u d-9:00p.m., f' dawn il-Gzejjer:

1. Ingurja jew hedded lil Naser Milad Atia, mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil Naser Milad Atia jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu/taghha, jew biex immalafama lil Naser Milad Atia, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, il-Qorti tipprovdi ghas-sigurtà ta' Naser Milad Atia u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu anke wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena u semghet lill-Prosekuzzjoni: (a) tiddikjara li l-hsara sofferta minn Naser Milad Atia relattiva ghat-tieni akkuza dedotta kontra l-imputat fir-rigward tal-gurnata tas-6 ta' Awwissu 2016 bejn is-6:00p.m. u s-7:00p.m. gewwa Birkirkara, tammonta ghal tmin mitt Euro (€800); u li (ii) it-tielet akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat fir-rigward tal-gurnata tas-7 ta' Awwissu 2016 bejn it-8:00p.m. u d-9:00p.m. f'dawn il-Gzejjer, tirreferi ghall-mezz biex twettaq ir-reat kontemplat fit-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat fir-rigward ta' l-imsemmija gurnata u ghalhekk it-tielet akkuza tigi assorbita fit-tieni akkuza;

Semghet lill-imputat jiddikjara li jaccetta li l-hsara sofferta minn Naser Milad Atia relattiva ghat-tieni akkuza dedotta kontra tieghu fir-rigward tal-gurnata tas-6 ta' Awwissu 2016 bejn is-6:00p.m. u s-7:00p.m. gewwa Birkirkara, tammonta ghal tmin mitt Euro (€800);

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli nhar is-6 ta' Awwissu 2016 ghall-habta ta' bejn is-6:00pm u s-7:00pm gewwa Birkirkara: (i) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Naser Milad Atia f'periklu car, ikkaguna lill-istess Naser Milad Atia hsara fil-gisem jew fis-sahha meta hebb ghalih b'oggett li jaqta' jew iniggez, liema hsara hija ta' natura gravi; (ii) u aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fejn l-ammont ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Naser Milad Atia; (iii) u aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb kontra Naser Milad Atia, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara; (iv) u aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku. L-imputat qed jigi akkuzat ukoll talli nhar is-7 ta' Awwissu 2016 ghall-habta ta' bejn it-8:00p.m. u id-9:00p.m., f' dawn il- Gzejjer: (i) ingurja jew hedded lil Naser Milad Atia, mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni; (ii) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) u aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil Naser Milad Atia jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu/taghha, jew biex immalafama lil Naser Milad Atia, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u baqa' hekk iwiegeb anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni: (i) l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat; (ii) il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta; (iii) il-fatt li l-imputat irrikonoxxa w accetta li l-hsara sofferta minn Naser Milad Atia relattiva ghat-tieni akkuza dedotta kontra tieghu fir-rigward tal-gurnata tas-6 ta' Awwissu 2016 bejn is-6:00p.m. u s-7:00p.m. gewwa Birkirkara, tammonta ghal tmin mitt Euro (€800); u (iv) kif ukoll il-fatt li t-tielet akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat fir-rigward tal-gurnata tas-7 ta' Awwissu 2016 bejn it-8:00p.m. u d-9:00p.m. f'dawn il-Gzejjer, tirreferi ghall-mezz biex twettaq ir-reat kontemplat fit-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat fir-rigward ta' l-imsemmija gurnata u ghalhekk it-tielet akkuza tigi assorbita fit-tieni akkuza.

B'hekk wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 217, 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu fir-rigward tas-6 ta' Awwissu 2016 ghall-habta bejn is-6:00p.m. u s-7:00p.m. gewwa Birkirkara, tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija izda, billi Hija tal-fehma li f'dan il-kaz hemm ragunijiet, fosthom il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li ghandu fedina penali netta, li jaghtu lok ghas-sospensjoni tal-piena karcerarja hawn imposta, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' disa' (9) xhur prigunerija ghal tliet (3) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In oltre a tenur ta' l-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat ghandu jhallas lil Naser Milad Atia s-somma ta' tmin mitt Euro (€800) rapprezentanti l-hsara sofferta mill-imsemmi Naser Milad Atia relattiva ghat-tieni akkuza dedotta kontra tieghu fir-rigward tal-gurnata tas-6 ta' Awwissu 2016 bejn is-6:00p.m. u s-7:00p.m. gewwa Birkirkara, liema somma ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 251(3) u 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(b) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li

qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu fir-rigward tad-data tas-7 ta' Awwissu 2016 ghall-habta ta' bejn it-8:00p.m. u id-9:00p.m., f' dawn il-Gzejjer, tikkundannah ghal xahrejn (2) prigunerija izda billi Hija tal-fehma li f'dan il-kaz hemm ragunijiet, fosthom il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li ghandu fedina penali netta, li jaghtu lok ghas-sospensjoni tal-piena karcerarja hawn imposta, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' xahrejn (2) prigunerija ghal sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti mill-gdid spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In oltre l-Qorti tordna li jinhareg Ordni ta' Trazzin fil-konfront ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-fini tal-protezzjoni ta' Nasir Milad Atia, liema Ordni ta' Trazzin qed isir taht il-kondizzjonijiet u terminu stipulati f'Digriet moghti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**